**Il-Ministru għall-Inkluzjoni u l-Kwalita' tal-Hajja. Julia Farrugia Portelli tipproponi:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jħeġġeġ l-isport kif ukoll is-sehem fil-qasam soċjali ta' għaqdiet volontarji, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta beħsiebu jagħti proprjetà lis-segwenti għaqdiet sportivi b'titolu ta' enfitewsi temporanja, liema proprjetà hija deskritta aħjar fl-abbozzi ta' ftehim imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, għall-iskop, bil-kanoni taċ-ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

Dok. A: Porzjon art ta' *circa* 4,052 metru kwadru lil *Marsaxlokk Football Club*, b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. B: Porzjon art ta' *circa* 7,240 metru kwadru lil *Birkirkara Football Club*, b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. C: Porzjon art ta' *circa* 13,409 metru kwadru lil *Hamrun Football Club*, b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

Dok. D: Porzjon art ta' *circa* 2,787.7 metru kwadru lil *Pembroke Athleta Athletics & Triathlon* bħala estensjoni li jmiss mill-Lbic ma' Triq il-Profs Walter Ganado b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tal-artikolu 31 tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetajiet fuq imsemmija u kif deskritti aħjar fl-abbozzi tal-ftehim li jinsabu fuq il-Mejda tal-Kamra, jiġu mogħtija b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil *Marsaxlokk Football Club*, *Birkirkara Football Club*, *Hamrun Football Club* u *Pembroke Athleta Athletics & Triathlon* għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozzi.

000138

**MARSAXLOKK F.C.**

Data: 11ta' Gunju 2021

SportMalta
Cottonera Sports Complex
Vjal il-Kottoner
Bormla BML 9020

Fil- 11ta Gunju 2021, kien ġie riżolt li ssir talba għat-trasferiment tal-art fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk. Ġaladarba l-kumitat huwa infurmat li l-art għaddiet lil SportMalta u se tkun qed tiġi mgħoddija lil Marsaxlokk Football Club, l-istess kumitat qed jirrisolvi li s-sussegwenti għandhom ikunu il-firmatarji fuq il-kuntratt tat-trasferiment:

| | Isem | Pożizzjoni fil-kumitat | Numru tal-Karta tal-Identita' |
|---|---|---|---|
| 1 | Frank Cachia | President | 415770 M |
| 2 | Royin Grech | Segretarju | 168972 M |
| 3 | Joseph Mifsud | Vici President | 538774 M |

Tislijiet,

Frank Cachia
President

Joseph Mifsud
Vici President

Royin Grech
Segretarju

Jasmine Cassar
Kaxxiera

Daniel Tabone
Membru

Nikos Karamitsios
Membru

SPORTMALTA
JUN 17 2021
RECEIVED

**MARSAXLOKK F.C.**
Marsaxlokk FC Sports Complex, Triq il-Kavallerizza Marsaxlokk MXK 1516
email: marsaxlokkfc@mfa.com.mt

**MARSAXLOKK F.C.**

Isem tal-assoċjazzoni/klabb: Marsaxlokk Football Club

Dettalji tal-firmatarji:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Isem: | Frank Cachia |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | President |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 415770 M |
| | Indirizz tar-residenza: | 'Id-Dielja', Nr.24, Triq il-Lunzjata, San Gwann |
| | Post u data tat-twelid: | Pieta' 7 t'Awwissu 1970 |
| | Impjieg: | Self Employed |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Carmelo Cachia |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Rose nee Borg |

| | | |
|---|---|---|
| 2 | Isem: | Royin Grech |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | Segretarju |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 168972 M |
| | Indirizz tar-residenza: | Nr.44, Triq il-Kajjik, Marsaxlokk |
| | Post u data tat-twelid: | Pieta' 28 ta' Marzu 1972 |
| | Impjieg: | Self Employed |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Joseph Saviour Grech |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Louise nee Degiorgio |

**MARSAXLOKK F.C.**

| | | |
|---|---|---|
| 3 | Isem: | Joseph Mifsud |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | Vici President |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 538774 M |
| | Indirizz tar-residenza: | La Primavera, No.11, Triq il-Blata Qormi |
| | Post u data tat-twelid: | Pieta' 9 ta' Novembru 1974 |
| | Impjieg: | Draughtsman |
| | Isem u Kunjom il-missier: | George Mifsud |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Mary Doris nee Zammit |

**MARSAXLOKK F.C.**
Marsaxlokk FC Sports Complex , Triq il-Kavallerizza Marsaxlokk MXK 1516
email: marsaxlokkfc@mfa.com.mt

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only




Scale 1:1000

0 20 40 60 80 100m




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Gvern ta' Malta

**Reġistru ta' l-Artijiet**

*Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta*

Government of Malta

**Land Registry**

*Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* 181470 E | Pożizzjoni Ċentrali: *Centre Coordinates:* x = 58814 y = 66097 | Parti min S.S.: *Extracted from S.S:* 5866 | Data: *Date:* 07/10/2020 |
| Perit: *Architect:* PERIT ROBERT GRECH. | | Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* PARCEL 'A' CIRCA 2495m². PARCEL 'B' CIRCA 1557m². | |
| Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* Perit Robert Grech BE&A (Hons.) A&CE Mob: 79463114 Flt.2 Bolognia Apts. Triq Dun Michele Balzan, Attard. | | Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:* | |
| LR 173761 | | Dritt imħallas *Fee Paid* | |

Perit Robert Grech
BE&A (Hons.) A&CE
Mob: 79463114
Flt.2 Bolognia Apts.
Triq Dun Michele Balzan, Attard.

Illum,

**Att Numru:**

**Enfitewsi Temporanja**

**Ins:**

**Vol.I :**

Quddiemi Nutar Dottor Joe Cilia, duttur tal-liġi, qegħdin jidhru personalment, wara li vverifikajt l-identità tagħhom permezz tad-dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:-

Mill-ewwel parti:-

Luciano Busuttil, avukat, mizzewweg, bin Benjamin Busuttill u Anna Busuttil nee' Falzon, imwieled il-Pieta' fil-31/7/1974 u residenti Marsaxlokk (Karta tal-identità numru 373574M) li qed jidher fuq dan l-Att fil-kwalità tiegħu ta' Chairperson, għan-nom u in rappreżentanza ta' **SportMalta** (bħala s-suċċessur fit-titolu tal-Kunsill Malti għall-iSport), ta' Cottonera Sports Complex, Cottonera Avenue, Bormla BML 9020; kif debitament awtorizzat:-

U għalhekk kull referenza f'dana l-att għal SportMalta għandu jinftiehem bħala għall-Kunsill Malti għall-iSport u vice versa;

- aktar 'l isfel imsejjaħ "**SportMalta**".

Mit-tieni parti:-

Frankie sive Francis Cachia, ddivorzjat, bin Carmelo Cachia u Rose Cachia nee' Borg, imwieled il-Pieta' fis-07/08/1970 u residenti San Gwann (Karta ta' l-identita' numru 415770M), Ray Grech, mizzewweg, bin Joseph Saviour Grech u Louise Grech nee' Degiorgio, imwieled il-Pieta' fit-28/03/1972 u residenti Marsaxlokk (Karta ta' l-identita' numru 16872M) u Joseph Mifsud, mizzewweg, bin George Mifsud u Mary Doris Mifsud nee' Zammit, imwieled il-Pieta' fid-09/11/1974 u residenti Hal Qormi (Karta ta' l-identita' numru 538774M) li qeghdin jidhru fil-kariga taghhom ta' President, Segretarju u Vici President rispettivament li qeghdin jidhru fuq dan l-att ghan-nom u in rappresentanza ta' **Marsaxlokk Football Club** [b'numru tar-Registrazzjoni ma' SportMalta ittri ____________] kif debitament awtorizzati permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R";

- aktar 'l isfel flimkien u solidalment bejniethom imsejħin "**il-klabb**".

Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti uffiċjali fuq indikati.

Għaldaqstant bis-saħħa ta' dan l-att SportMalta qiegħed jikkoncedi b'titolu t'enfitewsi temporanja għal perjodu ta' hamsa u erbghin (45) sena b'effett millum, lil fuq imsemmi klabb, li bl-istess titolu qiegħed jaċċetta u jakkwista (a) porzjoni t'art tal-kejl superficjali ta' circa elfejn erba mija u hamsa u disghin metru kwadru (2,495mk) fi Triq il-Kavallerizza, Marsaxlokk, konfinanti l-

imsemmija porzjoni t'art mit-Tramuntana ma' Triq il-Kavallerizza, mil-Lvant mal-Football Ground tal-istess Marsaxlokk Football Club u min-Nofsinhar ma' Triq il-Port Ruman, jew irjieh verjuri u (b) porzjoni t'art tal-kejl superficjali ta' circa elf hames mija u sebgha u hamsin metru kwadru (1,557mk) fi Triq il-Port Ruman, konfinanti din il-porzjoni t'art mil-Lbic u mix-Xlokk ma' Triq il-Port Ruman, mit-Tramuntanta mal-Football Ground tal-istess Marsaxlokk Football Club, jew irjieh verjuri. Iz-zewg (2) porzjonijiet jinsabu ahjar indikati bl-ahmar fuq il-pjanta tal-Property Drawing numru wiehed tlieta disgha sottosink disgha sebgha sottosink wiehed sottosink ittra 'B' (P.D. 139_97_1_B) li tinsab annessa m'att tan-Nutar Dottor

u li kopja taghha tinsab hawn annessa u mmarkata Dokument 'A'.

L-imsemmija artijiet jinsabu aħjar indikati bl-ahmar fil-pjanta li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'S'.

Din il-konċessjoni enfitewtika qegħda ssir u tiġi aċċettata bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġejjin, u cioè:-

(1) Versu c-cens annwu u temporanju kumplessiv ta' tnejn u erbghin elf ewro (€42,000) ghal hamsa u erbghin sena (45) dekorribbli minn dana l-att, liema ammont ta' ċens qed jiġi mnaqqas b'perċentwal ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%) mill-SportMalta bħala sussidju mogħti minn SportMalta, b'dana għalhekk li l-ammont ta' ċens dovut mill-klabb kull sena u li għandu jitħallas kull sena bil-quddiem huwa fl-ammont t'elfejn u mitt ewro (€2100). F'għeluq kull perjodu ta' ħames (5) snin mill-llum, dan l-ammont ta' ċens għandu jiġi rivedut b'żieda ta' għaxra fil-mija (10%) tac-ċens eżistenti meta ssir ir-reviżjoni, biex b'hekk, ic-ċens li jitħallas għal kull ħames (5) snin wara kull reviżjoni, ikun iċ-ċens hekk rivedut.

(2) Iż-żmien tal-konċessjoni enfitewtika jista' jiġi mġedded favur il-klabb fl-gheluq tieghu għal żmien ieħor, kemm il-darba t-tiġdid ta' żmien jiġi approvat permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Kapitolu hames mija u tlieta u sebghin (KAP 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Il-ħlas taċ-ċens jitħallas lill SportMalta u jitqiegħed f'fond imsejjaħ *Sports Fund* li jkun amministrat minn SportMalta.

(4) SportMalta għandu d-dmir li jara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-att jiġu osservati mill-klabb. F'każ ta' ksur ta' xi kundizzjoni stipulata f'dan l-Att, it-titolu legali tal-istess proprjetà jerġa' jirritorna lura lill- SportMalta.

(5) Il-manutenzjoni kollha tal-proprjetà ttrasferita tkun fil-karigu tal-klabb mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens.

(6) Il-klabb għandu l-obbligu li jżomm il-proprjetà fi stat tajjeb u jagħmel dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet ordinarji u straordinarji kollha neċessarji tul il-perjodu kollu ta' din il-koncessjoni.

Kwalunkwe xogħol strutturali għandu jsir biss wara li l-klabb jikseb il-permess bil-miktub mingħand SportMalta sabiex il-klabb ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol. Il-klabb ma jistax japplika għand l-Awtorità tal-Ippjanar u/jew iwettaq xogħol strutturali mingħajr ma jkollu l-permess bil-miktub ta' SportMalta.

(7) Dawn l-istess xogħolijiet jew kwalunkwe benefikati jew miljoramenti magħmulin isiru *ipso facto* tal- SportMalta u l-klabb m'għandu fl-ebda żmien, dritt ta' kwalunkwe kumpens għal kwalunkwe benefikati jew miljoramenti li jista' jkun għamel fl-imsemmija proprjetà.

(8) Il-proprjetà tkun għall-użu wkoll tal-Youth Nursery tal-istess klabb u fil-ħinijiet tal-iskola, bi ftehim, il-proprjetà tinfetaħ għall-użu tat-tfal ta' l-iskola. Jekk ma jkunx hemm qbil, il-kwistjoni tmur quddiem SportMalta u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

(9) Il-klabb huwa direttament responsabbli lejn SportMalta li jirrappreżenta lill-Ministru jew lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-iSport. Għal dan il-għan kull persuna inkarigata minn SportMalta, għandha titħalla tidħol biex tagħmel, f'każ ta' bżonn, spezzjoni tal-faċilitajiet sportivi ossia l-proprjetà trasferita.

(10) SportMalta, għandu jkollu d-dritt li jagħmel użu b'xejn mill-faċilitajiet sportivi tal-klabb għall-perijodu ta' mitejn (200) siegħa b'kollox fis-sena. It-tqassim ta' dawn is-siegħat, jiġifieri lil min jingħataw, kif ukoll meta jiġu wżati, hija deċiżjoni ta' SportMalta. SportMalta għandu l-obbligu li jagħti pre-avviż ta' mill-inqas xahrejn lill-klabb li għandu t-titolu legali tal-faċilità sportiva.

(11) Fl-użu tal-faċilitajiet sportivi tal-klabb, mgħandux ikun hemm diskriminazzjoni minħabba kulur, razza, reliġjon, politika, sess jew ġibdiet sesswali.

(12) Il-proprjetà għandha tintuża esklussivament għall-attività sportiva, li tista' tinkludi uffiċċini amministrattivi għall-attività sportiva, *gymnasiums*, *sport clinics*, u faċilità ta' bottegin għall-membri, iżda mhux b'tali mod li jibdel in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv. Il-klabb irid jikseb permess minn SportMalta sabiex ikun jista' jopera l-bottegin.

(13) Il-klabb ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor, jittrasferixxi il-proprjeta' in kwistjoni lil terzi persuni, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-klabb lanqas ma jista', mingħajr tali approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti jidħol fi sħubija ma' terzi dwar it-tmexxija tal-proprjeta' imsemmija ħlief, u limitatament, għal xi faċilitajiet tal-bottegin, u dan dejjem bl-approvazzjoni ta' SportMalta, u basta ma tinbidilx in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv, kif stipulat fi klawżola tnax (12) ta' dan l-att.

(14) Il-klabb għandu l-jedd li jiġbor miżati xierqa u raġonevoli għall-użu temporanju tal-faċilitajiet li jinstabu fis-sit enfitewtiku. SportMalta għandu l-jedd li jara li din il-miżata hi waħda xierqa u

raġonevoli.

(15) Il-klabb għandu jkun irreġistrat ma' SportMalta u jfornih b'dak kollu stabbilit fl-Avviż Legali numru tlieta u sittin tas-sena elfejn u tmienja (A.L. 63/2008) jew kull liġi oħra li tieħu post dan l-Avviż Legali.

(16) Il-klabb għandu jagħmel polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni jew kontra l-ħsarat fl-imsemmija proprjetà.

(17) Jekk il-klabb ixolji jew iżarma, it-titolu fuq l-imsemmija proprjetà jintemm *ipso facto* u l-proprjetà tgħaddi lura għand SportMalta minnufih, bit-tibdil kollu li jkun seħħ fiha.

Bħala garanzija tal-ħlas tal-imsemmi ċens annwali u temporanju u tal-eżekuzzjoni tal-obbligi l-oħra li joħorġu minn dan l-att, il-klabb qiegħed jipoteka favur ta' SportMalta, aċċettanti, l-beni kollha tiegħu in ġenerali preżenti u futuri oltre Ipoteka Speċjali u Privileġġ Speċjali skont il-liġi, fuq il-proprjetà b'dan l-att trasferita. Għall-fini tal-iskrizzjoni ipotekarja, qed tiġi ffissata s-somma ta' ______________________________ bejn il-komparenti partijiet.

Għall-fini ta' l-Att numru wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (ATT XXXI/1981) qiegħed jiġi dikjarat illi l-proprjetà fuq deskritta ġiet mgħoddija lil SportMalta permezz tal-att ta' ippubblikat min-Nutar Dottor skond l-Artikolu numru hamsa (5) tal-Government Lands Act Att numru sbatax (XVII) tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-ebda ħlas ta' taxxa tal-bolla mhi dovuta fuq dan l-Att minħabba illi dan it-trasferiment tallum ġie debitament eżentat u dan skont l-artikolu numru erbgha u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tat-Taxxa fuq id-Dħul [Kapitlu numru mija u tlieta u għoxrin (123) tal-Liġijiet ta' Malta] dan it-trasferiment huwa eżentat mill-ħlas ta' taxxa fuq il-qligħ u dan skont l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tal-Kapitlu numru mitejn u sitta u erbgħin (Kap.246) tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, qed jiġi ddikjarat mill-akkwirenti illi l-klabb jikkwalifika biex jakkwista il-proprjetà li qiegħda tiġi ttrasferita aktar 'l fuq, mingħajr il-bżonn ta' permess ta' l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti peress illi l-istess klabb, kif ukoll l-akkwirenti nomine qed jiddikjaraw li huma residenti ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u li l-klabb kien stabbilit f'Malta u l-akkwirenti nomine għexu f'Malta għal perijodu kontinwu matul ħajjithom, ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara li jiena Nutar sottoffirmat spjegajtilhom l-importanza tagħha skont il-liġi.

Id-drittijiet u l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt għandhom jitħallsu mill-klabb.

Jiena Nutar, hawn taht iffirmat, niddikkjara li l-propjeta immobbli ttrasferita fuq dana l-att
f'area ta' registrazzjoni obbligatorja ai termini ta' l-Att ta' Registrazzjoni ta' l-Artijiet.

Dan il-kuntratt mhu bl-ebda mod jaħfer u/jew jippreġudika d-dritt ta' SportMalta għal kwalunkwe ammont dovut lilu sallum minħabba l-okkupazzjoni ta'l-istess proprjetà.

Qiegħed jiġi dikjarat illi dan it-trasferiment gie approvat skond l-att tan- Nutar li permezz tieghu Sport Malta ghandu id-dritt li jittrasferixxi l-imsemmija propjeta lil persuni sportivi irregsitrati ma' Sports Malta taht l-att tal-lSports (KAP 455) tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' b'titolu ta' enfitewsi temporanju li ma jaccedix il-perjodu ta' hamsa u sittin (65) sena.. Tali trasferiment qieghed isir skond l-Att Dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573) tal-Ligijiet ta' Malta Artiklu numru hamsa (5) u qiegħed isir wara l-approvazzjoni ta' dan it-trasferiment permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skond Artikolu wiehed u tletin (Art 31) tal-istess Kapitolu numru hames mija u tlieta u sebghin (KAP. 573).

Magħmul, moqri u ppublikat wara ċerjorazzjoni skond il-liġi f'

HAMRUN SPARTANS FOOTBALL CLUB
143, St Joseph High Street, Hamrun, HMR 1015
e info@hamrunspartansfc.com | w www.hamrunspartansfc.com
@HamrunSpartansFCOfficial @fc_Hamrun @hamrunspartansfc

Data: 10th June 2021

SportMalta
Cottonera Sports Complex
Vjal il-Kottoner
Bormla BML 9020

Fl-10 ta' Mejju 2021 kien ġie riżolt li ssir talba għat-trasferiment tal-art li tkoppri l-area fejn hemm il-Victor Tedesco Stadium u l-Hamrun Youth Nursery. Ġaladarba l-kumitat huwa infurmat li l-art għaddiet lil SportMalta u se tkun qed tiġi mgħoddija lil Hamrun Spartans FC , l-istess kumitat qed jirrisolvi li s-sussegwenti għandhom ikunu il-firmatarji fuq il-kuntratt tat-trasferiment:

| | Isem | Pożizzjoni fil-kumitat | Numru tal-Karta tal-Identita` |
|---|---|---|---|
| 1 | Joseph Portelli | President | 0497193M |
| 2 | Stephen Saliba | Segretarju | 15668M |
| 3 | Antoine Attard | Kaxxier | 0434565M |

Tislijiet,

Stephen Saliba
Segretarju Generali
Hamrun Spartans FC

OFFICIAL MAIN SPONSOR OFFICIAL SPONSORS AFFILIATED TO THE MALTA FOOTBALL ASSOCIATION
J PORTELLI PROJECTS CAFFE VERGNANO 1882 ALFSONS ENTERPRISES LTD. easygas tescoma.

Isem tal-assoċjazzoni/klabb: Hamrun Spartans FC

Dettalji tal-firmatarji:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Isem: | Joseph Portelli |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | President |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 0497193M |
| | Indirizz tar-residenza: | Eagle House Triq Grunju Nadur |
| | Post u data tat-twelid: | 21/05/1977 |
| | Impjieg: | Business Man |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Francis Portelli |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Maria Said |

| | | |
|---|---|---|
| 2 | Isem: | Stephen Saliba |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | Segretarju |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 15668(m) |
| | Indirizz tar-residenza: | Orange Grove, Block F Flat 5 Triq Birbal Balzan |
| | Post u data tat-twelid: | 09/12/1967 |
| | Impjieg: | Bank Manager |
| | Isem u Kunjom il-missier: | John saliba |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Lucia Nee. Abela |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 3 | Isem: | Antoine Attard |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | Kaxxier |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 0434565M |
| | Indirizz tar-residenza: | Villa Campanella, Triq F.W Ryan, Naxxar |
| | Post u data tat-twelid: | 22/07/1965 |
| | Impjieg: | Bank Manager |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Edward Attard |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Emmanuela Nee Bugeja |

Stephen Saliba
**Club Secretary**
**Hamrun Spartans Fc**

Antoine Attard
**Treasurer**
**Hamrun Spartans Fc**

Victor Cassar
**Club Signatory**
**Hamrun Spartans Fc**

Joseph Portelli
**Club President**
**Hamrun Spartans Fc**

Marcel Bonnici
**Committee Member**
**Hamrun Spartans Fc**

Nunzio Antignani
**Committee Member**
**Hamrun Spartans Fc**

| | | |
|---|---|---|
| Francesco De Rosa<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** | Andrei Dimech<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** | Alan Cutajar<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** |
| Joanna Debattista<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** | Gateano Debattista<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** | Gaetano Theuma<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** |
| Brian Degabriele<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** | Eric Saliba<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** | Jodie Saliba<br>**Committee Member**<br>**Hamrun Spartans Fc** |




Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz/*Price*
€0.19 (Lm0.08)

Illum,

Quddiemi Nutar Dottor Joe Cilia, duttur tal-liġi, qegħdin jidhru personalment, wara li vverifikajt l-identità tagħhom permezz tad-dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:-

Mill-ewwel parti:-

Luciano Busuttil, avukat, mizzewweg, bin Benjamin Busuttill u Anna Busuttil nee' Falzon, imwieled il-Pieta' fil-31/7/1974 u residenti Marsaxlokk (Karta tal-identità numru 373574M) li qed jidher fuq dan l-Att fil-kwalità tiegħu ta' Chairperson, għan-nom u in rappreżentanza ta' **SportMalta** (bħala s-suċċessur fit-titolu tal-Kunsill Malti għall-iSport), ta' Cottonera Sports Complex, Cottonera Avenue, Bormla BML 9020; kif debitament awtorizzat:-

U għalhekk kull referenza f'dana l-att għal SportMalta għandu jinftiehem bħala għall-Kunsill Malti għall-iSport u vice versa;

- aktar 'l isfel imsejjaħ "**SportMalta**".

Mit-tieni parti:-

li qeghdin jidhru fil-kariga taghhom ta' President, Segretarju u Vici President rispettivament li qeghdin jidhru fuq dan l-att ghan-nom u in rappresentanza ta' **Hamrun Spartans Football Club** [b'numru tar-Registrazzjoni ma' SportMalta ittri SM/C026] kif debitament awtorizzati permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R";

- aktar 'l isfel flimkien u solidalment bejniethom imsejħin "**il-klabb**".

Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti uffiċjali fuq indikati.

Għaldaqstant bis-saħħa ta' **l-ewwel parti ta' dana l-att** il-komparenti partijiet qeghdin jirreferu ghal Lokazzjoni redata quddiemi Nutar sottoffirmat tad-disgha ta' Settembru, tas-sena elfejn u disgha (09/09/2009), fejn SportMalta ġja Kunsill Malti għall-iSport kif debitament rappreżentata, kienu ikkoncedew b'titolu ta' lokazzjoni lill-istess Klabb il-kumpless sportiv, fi Triq Schembri, kantruniera ma` Triq A. Muscat Azzopardi, l-Hamrun, li fih

**Att Numru:**

**Terminazzjoni ta' Lokazzjoni u Enfitewsi Temporanja**

**Ins:**

**Vol.I :**

jikkomprendi il-*football stadium* inkluz ufficini u *dressing rooms*, football ground zghir, clubhouse u *catering facility* bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu. L-imsemmi kumpless sportiv fit-totalita` tieghu igib il-kejl ta` circa tlettax il-elf erbgha mija u disgha metri kwadri (13,409m$^2$) u jikkonfina mill-Majjistral ma` Triq Schembri, minn-Nofs-in-nhar ma` Triq Mile End, u mill-Majjistral ma` Triq A. Muscat Azzopardi, jew irjieh verjuri, u huwa accessibbli mit-Toroq kollha fuq imsemmijin, kif muri delineat bl-ahmar fuq il-pjanta P.D. 2008_231. L-imsemmija proprjeta' hija maghrufħa bhala Tenement ittra "G" numru sebgha disgha tlieta tmienja wiehed (G79381) mad-Dipartiment tal-Artijiet u dan versu l-kera kumplessiva kummercjali u totali ta' sebgha u tletin elf, sitt mija u hamsin ewro (€37,650) u dan ghal perjodu ta' sittax (16) il-sena.

Illi il-komparenti partijiet laħqu ftehim bonarju bejniethom illi l-ftehim ta' kera fuq citat tad-disgha ta' Settembru, tas-sena elfejn u disgha (09/09/2009), jigi tterminat.

Għaldaqstant, bis-saħħa tal-ewwel parti ta' dana l-att il-komparenti partijiet qegħdin jitterminaw l-istess imsemmi ftehim ta' lokazzjoni fuq citat tad-disgha ta' Settembru, tas-sena elfejn u disgha (09/09/2009), mill-lum stess, u liema proprjeta' qegħda tiġi rivertita lura lil SportsMalta b'effett immedjat. Il-partijiet ma' jibqghalhom l-ebda drittijiet ossia pretenzjonijiet kontra xulxin naxxenti mill-istess lokazzjoni u dan qieghed isir mingħajr l-ebda korrispettiv.

Fit-**tieni parti** u in forza ta' dan l-att, SportMalta qiegħed jikkoncedi b'titolu t'enfitewsi temporanja għal perjodu ta' hamsa u erbghin (45) sena b'effett millum, lil fuq imsemmi klabb, li bl-istess titolu qiegħed jaċċetta u jakkwista is-sit li jikkomprendi il-kumpless sportiv, fi Triq Schembri, kantruniera ma` Triq A. Muscat Azzopardi, l-Hamrun, fosthom il-*football stadium* inkluz ufficini u *dressing rooms*, football ground zghir, clubhouse u *catering facility* bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tieghu. L-imsemmi sit/kumpless sportiv fit-totalita` tieghu igib il-kejl ta` circa tlettax il-elf erbgha mija u disgha metri kwadri (13,409m$^2$) u jikkonfina mill-Majjistral ma` Triq Schembri, minn-Nofs-in-nhar ma` Triq Mile End, u mill-Majjistral ma` Triq A. Muscat Azzopardi, jew irjieh verjuri, u huwa accessibbli mit-Toroq kollha fuq imsemmijin, kif muri delineat bl-ahmar fuq il-pjanta P.D. 2008_231, li tinsab ttransuntata fl-atti tieghi Nutar sottoffirmat tad-disgha ta' Settembru, tas-sena elfejn u disgha (09/09/2009). L-imsemmija proprjeta' hija maghrufħa bhala Tenement ittra "G" numru sebgha disgha tlieta tmienja wiehed (G79381) mad-Dipartiment tal-Artijiet

L-imsemmija propjeta tinsab aħjar indikata bl-ahmar fil-pjanta li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'S'.

Din il-konċessjoni enfitewtika qegħda ssir u tiġi aċċettata bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġejjin, u cioè:-

(1) Versu c-cens annwu u temporanju ta' hamsa u hamsin elf, mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€55,224.40)

ghal hamsa u erbghin sena (45) dekorribbli mid-data ta' dana l-att, liema ammont ta' ċens qed jiġi mnaqqas b'perċentwal ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%) minn SportMalta bħala sussidju mogħti minn SportMalta, b'dana għalhekk li l-ammont ta' ċens dovut mill-klabb kull sena u li għandu jitħallas kull sena bil-quddiem huwa fl-ammont t'elfejn sebgha mija u wiehed u sittin ewro u tnejn u ghoxrin ewro (€2,761.22) u dan sa' meta jkun dovut fis-sena elfejn u sitta u ghoxrin (2026) f'liema data/sena ic-cens dovut issussidjat jghola u jigi jammonta ghal tlett elef u sebgha u tletin ewro u erbgha u tletin centezmu (€3,037.43). Sussegwement f'għeluq kull perjodu ta' ħames (5) snin minn dik id-data, dan l-ammont ta' ċens għandu jiġi rivedut b'żieda ta' għaxra fil-mija (10%) tac-ċens eżistenti meta ssir ir-reviżjoni, biex b'hekk, ic-ċens li jitħallas għal kull ħames (5) snin wara kull reviżjoni, ikun iċ-ċens hekk rivedut.

(2) Iż-żmien tal-konċessjoni enfitewtika jista' jiġi mġedded favur il-klabb fl-gheluq tieghu għal żmien ieħor, kemm il-darba t-tiġdid ta' żmien jiġi approvat permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu wiehed u tletin (31) tal-Kapitolu hames mija u tlieta u sebghin (KAP 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Il-ħlas taċ-ċens jitħallas lill SportMalta u jitqiegħed f'fond imsejjaħ *Sports Fund* li jkun amministrat minn SportMalta.

(4) SportMalta għandu d-dmir li jara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-att jiġu osservati mill-klabb. F'każ ta' ksur ta' xi kundizzjoni stipulata f'dan l-Att, it-titolu legali tal-istess proprjetà jerġa' jirritorna lura lill- SportMalta.

(5) Il-manutenzjoni kollha tal-proprjetà ttrasferita tkun fil-karigu tal-klabb mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens.

(6) Il-klabb għandu l-obbligu li jżomm il-proprjetà fi stat tajjeb u jagħmel dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet ordinarji u straordinarji kollha neċessarji tul il-perjodu kollu ta' din il-koncessjoni.

Kwalunkwe xogħol strutturali għandu jsir biss wara li l-klabb jikseb il-permess bil-miktub mingħand SportMalta sabiex il-klabb ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol. Il-klabb ma jistax japplika għand l-Awtorità tal-Ippjanar u/jew iwettaq xogħol strutturali mingħajr ma jkollu l-permess bil-miktub ta' SportMalta.

(7) Dawn l-istess xogħolijiet jew kwalunkwe benefikati jew miljoramenti magħmulin isiru *ipso facto* tal- SportMalta u l-klabb m'għandu fl-ebda żmien, dritt ta' kwalunkwe kumpens għal kwalunkwe benefikati jew miljoramenti li jista' jkun għamel fl-imsemmija proprjetà.

(8) Il-proprjetà tkun għall-użu wkoll tal-Youth Nursery tal-istess klabb u fil-ħinijiet tal-iskola, bi ftehim, il-proprjetà tinfetaħ għall-użu tat-tfal ta' l-iskola. Jekk ma jkunx hemm qbil, il-kwistjoni tmur quddiem SportMalta u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

(9) Il-klabb huwa direttament responsabbli lejn SportMalta li

jirrappreżenta lill-Ministru jew lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-iSport. Għal dan il-għan kull persuna inkarigata minn SportMalta, għandha titħalla tidħol biex tagħmel, f'każ ta' bżonn, spezzjoni tal-faċilitajiet sportivi ossia l-proprjetà trasferita.

(10) SportMalta, għandu jkollu d-dritt li jagħmel użu b'xejn mill-faċilitajiet sportivi tal-klabb għall-perijodu ta' mitejn (200) siegħa b'kollox fis-sena. It-tqassim ta' dawn is-siegħat, jiġifieri lil min jingħataw, kif ukoll meta jiġu wżati, hija deċiżjoni ta' SportMalta. SportMalta għandu l-obbligu li jagħti pre-avviż ta' mill-inqas xahrejn lill-klabb li għandu t-titolu legali tal-faċilità sportiva.

(11) Fl-użu tal-faċilitajiet sportivi tal-klabb, mgħandux ikun hemm diskriminazzjoni minħabba kulur, razza, reliġjon, politika, sess jew ġibdiet sesswali.

(12) Il-proprjetà għandha tintuża esklussivament għall-attività sportiva, li tista' tinkludi uffiċċini amministrattivi għall-attività sportiva, *gymnasiums*, *sport clinics*, u faċilità ta' bottegin għall-membri, iżda mhux b'tali mod li jibdel in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv. Il-klabb irid jikseb permess minn SportMalta sabiex ikun jista' jopera l-bottegin.

(13) Il-klabb ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor, jittrasferixxi il-proprjeta' in kwistjoni lil terzi persuni, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-klabb lanqas ma jista', mingħajr tali approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti jidħol fi sħubija ma' terzi dwar it-tmexxija tal-proprjeta' imsemmija ħlief, u limitatament, għal xi faċilitajiet tal-bottegin, u dan dejjem bl-approvazzjoni ta' SportMalta, u basta ma tinbidilx in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv, kif stipulat fi klawżola tnax (12) ta' dan l-att.

(14) Il-klabb għandu l-jedd li jiġbor miżati xierqa u raġonevoli għall-użu temporanju tal-faċilitajiet li jinstabu fis-sit enfitewtiku. SportMalta għandu l-jedd li jara li din il-miżata hi waħda xierqa u raġonevoli.

(15) Il-klabb għandu jkun irreġistrat ma' SportMalta u jfornih b'dak kollu stabbilit fl-Avviż Legali numru tlieta u sittin tas-sena elfejn u tmienja (A.L. 63/2008) jew kull liġi oħra li tieħu post dan l-Avviż Legali.

(16) Il-klabb għandu jagħmel polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni jew kontra l-ħsarat fl-imsemmija proprjetà.

(17) Jekk il-klabb ixolji jew iżarma, it-titolu fuq l-imsemmija proprjetà jintemm *ipso facto* u l-proprjetà tgħaddi lura għand SportMalta minnufih, bit-tibdil kollu li jkun sehh fiha.

Bħala garanzija tal-ħlas tal-imsemmi ċens annwali u temporanju u tal-eżekuzzjoni tal-obbligi l-oħra li joħorġu minn dan l-att, il-klabb qiegħed jipoteka favur ta' SportMalta, aċċettanti, l-beni kollha tiegħu in ġenerali preżenti u futuri oltre Ipoteka Speċjali u

Privileġġ Speċjali skont il-liġi, fuq il-proprjetà b'dan l-att trasferita. Għall-fini tal-iskrizzjoni ipotekarja, qed tiġi ffissata s-somma ta' hamsa u hamsin, elf mitejn u erbgha u ghoxrin ewro u erbghin centezmu (€55,224.40) bejn il-komparenti partijiet.

Għall-fini ta' l-Att numru wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (ATT XXXI/1981) qiegħed jiġi dikjarat illi l-proprjetà fuq deskritta ġiet mgħoddija lil SportMalta permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja erbgha mija u hamsa u hamsin punt hdax (455.11) imsejħa Ordni dwar SportMalta (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (2015) u l-ebda ħlas ta' taxxa tal-bolla mhi dovuta fuq dan l-Att minħabba illi dan it-trasferiment tallum ġie debitament eżentat u dan skont l-artikolu numru erbgha u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tat-Taxxa fuq id-Dħul [Kapitlu numru mija u tlieta u għoxrin (123) tal-Liġijiet ta' Malta] dan it-trasferiment huwa eżentat mill-ħlas ta' taxxa fuq il-qliegħ u dan skont l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tal-Kapitlu numru mitejn u sitta u erbgħin (Kap.246) tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, qed jiġi ddikjarat mill-akkwirenti illi l-klabb jikkwalifika biex jakkwista il-proprjetà li qiegħda tiġi ttrasferita aktar 'l fuq, mingħajr il-bżonn ta' permess ta' l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti peress illi l-istess klabb, kif ukoll l-akkwirenti nomine qed jiddikjaraw li huma residenti ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u li l-klabb kien stabbilit f'Malta u l-akkwirenti nomine għexu f'Malta għal perijodu kontinwu matul ħajjithom, ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara li jiena Nutar sottoffirmat spjegajtilhom l-importanza tagħha skont il-liġi.

Id-drittijiet u l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt għandhom jitħallsu mill-klabb.

Jiena Nutar, hawn taht iffirmat, niddikkjara li l-propjeta immobbli ttrasferita fuq dana l-att f'area ta' registrazzjoni obbligatorja ai termini ta' l-Att ta' Registrazzjoni ta' l-Artijiet.

Dan il-kuntratt mhu bl-ebda mod jaħfer u/jew jippreġudika d-dritt ta' SportMalta għal kwalunkwe ammont dovut lilu sallum minħabba l-okkupazzjoni ta'l-istess proprjetà.

Qiegħed jiġi dikjarat illi dan it-trasferiment qieghed isir wara l-approvazzjoni ta' dan it-trasferiment permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skond Artikolu wiehed u tletin (Art 31) tal-istess Kapitolu numru hames mija u tlieta u sebghin (KAP. 573).

Magħmul, moqri u ppublikat wara ċerjorazzjoni skond il-liġi f'

000223

Pembroke Athleta
Athletics & Triathlon

# Pembroke Athleta – Athletics & Triathlon

e-mail victorcamilleri58@gmail.com Mob: 99255595. www.pembrokeathleta.com

Data: 15 ta' Mejju 2020

SPORTMALTA
JUL 23 2020
RECEIVED

SportMalta
Cottonera Sports Complex
Vjal il-Kottoner
Bormla BML 9020

Fit-13 ta' Mejju 2020 ġie riżolt li ssir talba għat-trasferiment tal-art fi Pembroke Athleta Athletics & Triathlon, gia' Pembroke Athleta Sports Club, Triq Tunis, Pembroke , mill-Organizzazzjoni Volontarja Pembroke Athleta Sports Club għall-Organizzazzjoni Volontarja Pembroke Athleta Athletics & Triathlon. Ġaladarba l-kumitat jigi infurmat li l-art/propjeta' se tgħaddi lil Club tagħna Pembroke Athleta Athletics & Triathlon, l-istess kumitat qed jirrisolvi li s-sussegwenti għandhom ikunu il-firmatarji bħala rappreżentanti tiegħu fuq il-kuntratt tat-trasferiment:

| | Isem | Pożizzjoni fil-kumitat | Numru tal-Karta tal-Identita` |
|---|---|---|---|
| 1 | Victor Camilleri | President | 367158 M |
| 2 | Leslie Cuschieri | Segretarju | 0174067 M |
| 3 | Mark Scicluna | Teżorier | 0322568 m |

Tislijiet,

| | | | |
|---|---|---|---|
| VICTOR CAMILLERI | ALAN ZAMMIT | LESLIE CUSCHIERI | MARK SCICLUNA |
| 367158 [illegible] | 439787 (M) | 0174671 (M) | 0322568 (M) |
| RITA SARE | RAYMOND FARRUGIA | ANTHONY FAVA | NORMAN SALIBA |
| 658361 M | 35663 M | 37247 (M) | 383360 (M) |

Pembroke Athleta
Athletics & Triathlon

# Pembroke Athleta – Athletics & Triathlon

e-mail victorcamilleri58@gmail.com Mob: 99255595. www.pembrokeathleta.com

Isem tal-assoċjazzoni/klabb: Pembroke Athelta – Athletics & Triathlon

Dettalji tal-firmatarji:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Isem: | Victor Camilleri |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | President |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 0367158 (M) |
| | Indirizz tar-residenza: | 6, Birka Flt. 3, Triq ir-Rebbiegħa Mosta MST 4011 |
| | Post u data tat-twelid: | Pieta', 10 ta' Mejju 1958 |
| | Impjieg: | Għalliem |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Nazzareno Camilleri |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Carmen nee Darmainin |

| | | |
|---|---|---|
| 2 | Isem: | Leslie Cuschieri |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | Segretarju |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 0174067(M) |
| | Indirizz tar-residenza: | Liesel Court Apt.1,<br>Triq Mimosa, Gwardamangia PTA1042 |
| | Post u data tat-twelid: | Attard, 28 ta' Marzu 1967 |
| | Impjieg: | Avukat |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Amadeo Cuschieri |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Carmen nee Mallia |

# Pembroke Athleta – Athletics & Triathlon

e-mail victorcamilleri58@gmail.com Mob: 99255595. www.pembrokeathleta.com

| | | |
|---|---|---|
| 3 | Isem: | Mark Scicluna |
| | Pożizzjoni fil-kumitat: | Teżorier |
| | Numru tal-Karta tal-Identita`: | 0322568 m |
| | Indirizz tar-residenza: | 90, Triq Marsaxlokk Zejtun ZTN 2606 |
| | Post u data tat-twelid: | Attard – 31. 7. 68 |
| | Impjieg: | Bank Executive |
| | Isem u Kunjom il-missier: | Jospeph Scicluna |
| | Isem u Kunjom ta' xebba tal-omm: | Josphine nee Darmanin |

Dan hu dokument uffiċċjali għall-użu biss fir-Reġistru ta' l-Artijiet

This is an official document for Land Registry use only




Scale 1:1000




Pjanta tas-Sit 1:2500 *Site Plan*

Gvern ta' Malta

Government of Malta

## *Reġistru ta' l-Artijiet*

*Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta*

## *Land Registry*

*Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Nru tal-Mappa: *Map Number:* 169626 E | Pożizzjoni Ċentrali: x = 53367 *Centre Coordinates:* y = 75899 | Parti min S.S.: *Extracted from S.S.:* 5275 | Data: *Date:* 02/07/2020 |
| Perit: *Architect:* [signature] | | Qies (metri kwadri): *Area (square metres):* 2787.7 SQ.M. - FULL OWNERSHIP. | |
| Timbru tal-Perit: *Architect's Stamp:* DARIO MANGION B.E. & A. (Hons) ARCHITECT & CIVIL ENGINEER 3, Desiree, Infantry Street, Kirkop KKP 1271 t \| (+356) 99800777 e \| dario.mangion@yahoo.com | | Firma ta' l-Applikant: *Applicant's Signature:* | |

LR 160725

Dritt imħallas *Fee Paid*

| | | |
|---|---|---|
| | Illum,<br><br>Quddiemi Nutar Dottor Joe Cilia, duttur tal-liġi, qegħdin jidhru personalment, wara li vverifikajt l-identità tagħhom permezz tad-dokumenti uffiċjali hawn taħt indikati:-<br><br>Mill-ewwel parti:-<br><br>Luciano Busuttil, avukat, bin Benjamin u Anna nee' Falzon, imwieled il-Pieta' fil-31/7/1974 u residenti Marsaxlokk (Karta tal-identità numru 373574M) li qed jidher fuq dan l-Att fil-kwalità tiegħu ta' Chairperson, għan-nom u in rappreżentanza ta' **SportMalta** (bħala s-suċċessur fit-titolu tal-Kunsill Malti għall-iSport), ta' Cottonera Sports Complex, Cottonera Avenue, Bormla BML 9020); kif debitament awtorizzat:-<br><br>- aktar 'l isfel imsejjaħ "**SportMalta**".<br><br>Mit-tieni parti:-<br><br>Alexander Calleja, legalment isseparat, bin Victor Calleja u Mary Calleja nee' Grixti, imwieled Pieta fit-03/05/1960 u residenti f'numru mitejn u sebgha u tletin (237), William Harding Street, Pembroke (Karta ta' l-identita' numeu 347860M) li qed jidher fuq dana l-att fil-kariga tieghu ta' president u in rappreżentanza ta' **'Pembroke Athleta Sports Club'** li jinsab irregistrat ma' SportMalta bin-numru tar-registrazzjoni ittri 'SM sink ittra 'C' numru mitejn u disgha u sebghin (SM-C279) kif debitament awtorizzat permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R";<br><br>- aktar 'l isfel imsejjaħ "**il-klabb**".<br><br>Minni Nutar identifikati permezz tad-dokumenti uffiċjali fuq indikati.<br><br>**Fl-ewwel lok** u in forza ta' dana l-att, il-komparenti partijiet jippremettu u jiddikkjaraw illi fit-tnax t'Awissu tas-sena elfejn (12/08/2000) il-**Gvern ta' Malta** [bħala predecessur ta' tal-Kunsill Malti għall-Isport li da parti tiegħu predecessur ta' SportMalta) kien ikkonceda b'titolu ta' kirja lil fuq imsemmi Pembroke Athleta Sports Club il-*Club house* u il-*Basket Ball Pitches*, gewwa Pembroke, kif muri bl-ahmar fuq il- Pjanta tal-Lands Department bl-ittri 'LD' numru tnax tas-sena elfejn (LD 12/2000).<br><br>L-imsemmija kirja kienet ghal sitt mija u tmienja u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) [ekwivalenti ghal tlett Liri Maltin (LM300) fis-sena li jitħallas kull sena bil-quddiem. | **Att Numru:**<br><br>**Att ta' Terminazzjoni t'Enfitewsi Temporanja u Enfitewsi Temporanja**<br><br>**Ins:**<br><br>**Vol. I.:** |

Illi il-komparenti partijiet laħqu ftehim bonarju bejniethom illi l-il-ftehim ta' kera fuq citat tat-tnax t'Awissu tas-sena elfejn (12/08/2000) jiġi tterminat.

Għaldaqstant, bis-saħħa tal-ewwel parti ta' dana l-att il-komparenti partijiet qegħdin jitterminaw l-istess imsemmi ftehim ta' kera fuq citat tat-tnax t'Awissu tas-sena elfejn (12/08/2000) mill-lum stess, u liema proprjeta' qegħda tiġi rivertita lura lil SportsMalta mingħajr l-ebda drittijiet ossia pretenzjonijiet kontra xulxin u dan mingħajr l-ebda korrispettiv.

**Fit-tieni lok** u bis-saħħa ta' dan l-att qed jidhru ukoll Victor Camilleri, mizzewweg, bin Nazareno Camilleri u Carmen Camilleri nee' Darmanin, imwieled Pieta' fl-10/05/1958 u residenti f'numru sitta (6), Birka, Flat numru tlieta (3), Triq ir-Rebbiegha, Mosta (Karta ta' l-identita' numru 367158M), Dr Leslie Cuschieri, avukat, guvni, bin Amadeo Cuschieri u Carmen Cuschieri nee' Mallia, imwieled H'Attard fit-28/03/1967 u residenti f'Leslie Court, Flat numru wiehed (1), Triq Mimosa, Gwardamangia (Karta ta' l-identita' numru 174067M) u Mark Scicluna, mizzeweg, bin Joseph Scicluna u Josephine Scicluna nee' Darmanin, imwieled H'Attard fil-31/07/1968 u residenti f'numru disghin (90), Triq Marsaxlokk, Zejtun (Karta ta' l-identita' numru 322568M) li qed jidhru preżentement fil-kwalità tagħhom ta' President, Segretarju u Tezorier għan-nom u in rappreżentanza ta' '**Pembroke Athleta Athletics & Triathlon** li jinsab irregistrat ma' SportMalta bin-numru tar-registrazzjoni ittri 'SM sink ittra 'C' numru mitejn u hamsa u tmenin (SM-C285) kif debitament awtoriżżati permezz ta' riżoluzzjoni tal-kumitat hawn annessa u mmarkata "Dokument R1";

- aktar 'l isfel fit-tieni parti ta' dana l-att imsejjaħ "**il-klabb**".

U għaldaqstant bis-saħħa tat-tieni parti ta' dana l-att SportMalta qiegħed jagħti b'titolu t'enfitewsi temporanja għal perijodu ta' hamsa u erbghin (45) sena b'effett millum, lil fuq imsemmi klabb, li bl-istess titolu qiegħed jaċċetta u jakkwista l-porzjoni t'art f'Pembroke, fi Triq il-Profs Walter Ganado, tal-kejl ta' circa elfejn seba' mija u sebgha u tmenin punt sebgha metru kwadru (2,787.7 mk) li jmiss mill-Lbic ma' Triq il-Profs Walter Ganado u mill-irjieħ l-ohra kollha ma' ġid tal-Gvern. Liema propjeta tinsab indikata bl-ahmar fuq pjanta tal-Property Drawing bl-ittri 'LD' numru tnax tas-sena elfejn (LD 12/2000).

L-imsemmija proprjetà tinsab aħjar indikata bl-aħmar fil-pjanta li tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'S'.

Din il-konċessjoni enfitewtika qegħda ssir u tiġi aċċettata bil-pattijiet u l-kundizzjonijiet li ġejjin, u cioè:-

(1) Versu c-cens annwu u temporanju tnejn u ghoxrin elf hames mija u tmien ewro u tmenin centezmu (€22,508.80) ghal perjodu ta' hamsa u erbghin sena (45) dekorribbli minn dana l-att, liema ammont ta' ċens qed jiġi mnaqqas b'perċentwal ta' ħamsa u disgħin fil-mija (95%) minn SportMalta bħala sussidju mogħti minn

l-istess SportMalta, b'dana għalhekk illi l-ammont ta' ċens dovut mill-klabb kull sena u li għandu jitħallas kull sena bil-quddiem huwa għal elf, mija u ħamsa u għoxrin ewro u erbgħa u erbgħin ċentezmu (€1,125.44) fis-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025). F'għeluq kull perijodu ta' ħames (5) snin, mill-imsemmija sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025), dan l-ammont ta' ċens għandu jiġi rivedut b'żieda ta' għaxra fil-mija (10%) taċ-ċens eżistenti meta ssir ir-reviżjoni, biex b'hekk, iċ-ċens li jitħallas għal kull ħames (5) snin wara kull reviżjoni, ikun iċ-ċens hekk rivedut.

(2) Iż-żmien tal-konċessjoni enfitewtika jista' jiġi mġedded favur il-klabb fl-għeluq tiegħu għal żmien ieħor, kemm il-darba t-tiġdid ta' żmien jiġi approvat permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skont l-Artikolu wieħed u tletin (31) tal-Kapitolu ħames mija u tlieta u sebgħin (KAP 573) tal-Liġijiet ta' Malta.

(3) Il-ħlas taċ-ċens jitħallas lill SportMalta u jitqiegħed f'fond imsejjaħ *Sports Fund* li jkun amministrat minn SportMalta.

(4) SportMalta għandu d-dmir li jara li l-kundizzjonijiet kollha ta' dana l-att jiġu osservati mill-klabb. F'każ ta' ksur ta' xi kundizzjoni stipulata f'dan l-Att, it-titolu legali tal-istess proprjetà jerġa' jirritorna lura lill-SportMalta.

(5) Il-manutenzjoni kollha tal-proprjetà ttrasferita tkun fil-karigu tal-klabb mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens.

(6) Il-klabb għandu l-obbligu li jżomm il-proprjetà fi stat tajjeb u jagħmel dawk ix-xogħlijiet u tiswijiet ordinarji u straordinarji kollha neċessarji tul il-perjodu kollu ta' din il-koncessjoni.

Kwalunkwe xogħol strutturali għandu jsir biss wara li l-klabb jikseb il-permess bil-miktub mingħand SportMalta sabiex il-klabb ikun jista' jwettaq dan ix-xogħol. Il-klabb ma jistax japplika għand l-Awtorità tal-Ippjanar u/jew iwettaq xogħol strutturali mingħajr ma jkollu l-permess bil-miktub ta' SportMalta.

(7) Dawn l-istess xogħolijiet jew kwalunkwe benefikati jew miljoramenti magħmulin isiru *ipso facto* tal- SportMalta u l-klabb m'għandu fl-ebda żmien, dritt ta' kwalunkwe kumpens għal kwalunkwe benefikati jew miljoramenti li jista' jkun għamel fl-imsemmija proprjetà.

(8) Il-proprjetà tkun għall-użu wkoll tal-Youth Nursery tal-istess klabb u fil-ħinijiet tal-iskola, bi ftehim, il-proprjetà tinfetaħ għall-użu tat-tfal ta' l-iskola. Jekk ma jkunx hemm qbil, il-kwistjoni tmur quddiem SportMalta u d-deċiżjoni tiegħu tkun finali.

(9) Il-klabb huwa direttament responsabbli lejn SportMalta li jirrappreżenta lill-Ministru jew lis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-iSport. Għal dan il-għan kull persuna inkarigata minn SportMalta, għandha titħalla tidħol biex tagħmel, f'każ ta' bżonn, spezzjoni tal-faċilitajiet sportivi ossia l-proprjetà trasferita.

(10) SportMalta, għandu jkollu d-dritt li jagħmel użu b'xejn mill-faċilitajiet sportivi tal-klabb għall-perijodu ta' mitejn (200) siegħa b'kollox fis-sena. It-tqassim ta' dawn is-siegħat, jiġifieri lil min jingħataw, kif ukoll meta jiġu wżati, hija deċiżjoni ta' SportMalta. SportMalta għandu l-obbligu li jagħti pre-avviż ta' mill-inqas xahrejn lill-klabb li għandu t-titolu legali tal-faċilità sportiva.

(11) Fl-użu tal-faċilitajiet sportivi tal-klabb, mgħandux ikun hemm diskriminazzjoni minħabba kulur, razza, reliġjon, politika, sess jew ġibdiet sesswali.

(12) Il-proprjetà għandha tintuża esklussivament għall-attività sportiva, li tista' tinkludi uffiċċini amministrattivi għall-attività sportiva, *gymnasiums*, *sport clinics*, u faċilità ta' bottegin għall-membri, iżda mhux b'tali mod li jibdel in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv. Il-klabb irid jikseb permess minn SportMalta sabiex ikun jista' jopera l-bottegin.

(13) Il-klabb ma jistax iċedi, jissulloka jew bi kwalunkwe titolu ieħor, jittrasferixxi il-proprjeta' in kwistjoni lil terzi persuni, mingħajr l-approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti. Il-klabb lanqas ma jista', mingħajr tali approvazzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti jidħol fi sħubija ma' terzi dwar it-tmexxija tal-proprjeta' imsemmija ħlief, u limitatament, għal xi faċilitajiet tal-bottegin, u dan dejjem bl-approvazzjoni ta' SportMalta, u basta ma tinbidilx in-natura prinċipali tal-kumpless sportiv, kif stipulat fi klawżola tnax (12) ta' dan l-att.

(14) Il-klabb għandu l-jedd li jiġbor miżati xierqa u raġonevoli għall-użu temporanju tal-faċilitajiet li jinstabu fis-sit enfitewtiku. SportMalta għandu l-jedd li jara li din il-miżata hi waħda xierqa u raġonevoli.

(15) Il-klabb għandu jkun irreġistrat ma' SportMalta u jfornih b'dak kollu stabbilit fl-Avviż Legali numru tlieta u sittin tas-sena elfejn u tmienja (A.L. 63/2008) jew kull liġi oħra li tieħu post dan l-Avviż Legali.

(16) Il-klabb għandu jagħmel polza tas-sigurtà dwar riskji għal terzi persuni jew kontra l-ħsarat fl-imsemmija proprjetà.

(17) Jekk il-klabb ixolji jew iżarma, it-titolu fuq l-imsemmija proprjetà jintemm *ipso facto* u l-proprjetà tgħaddi lura għand SportMalta minnufih, bit-tibdil kollu li jkun saħħ fiha.

Bħala garanzija tal-ħlas tal-imsemmi ċens annwali u temporanju u tal-eżekuzzjoni tal-obbligi l-oħra li joħorġu minn dan l-att, il-klabb qiegħed jipoteka favur ta' SportMalta, aċċettanti, l-beni kollha tiegħu in ġenerali preżenti u futuri oltre Ipoteka Speċjali u Privileġġ Speċjali skont il-liġi, fuq il-proprjetà b'dan l-att trasferita. Għall-fini tal-iskrizzjoni ipotekarja, qed tiġi ffissata is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf hames mija u tmien ewro u tmenin centezmu (€22,508.80) bejn il-komparenti partijiet.

Għall-fini ta' l-Att numru wieħed u tletin tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (ATT XXXI/1981) qiegħed jiġi dikjarat illi l-proprjetà fuq deskritta ġiet mgħoddija lil SportMalta permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja erbgha mija u hamsa u hamsin punt hdax (455.11) imsejħa Ordni dwar SportMalta (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (2015) u l-ebda ħlas ta' taxxa tal-bolla mhi dovuta fuq dan l-Att minħabba illi dan it-trasferiment tallum ġie debitament eżentat u dan skont l-artikolu numru erbgha u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tat-Taxxa fuq id-Dħul [Kapitlu numru mija u tlieta u għoxrin (123) tal-Liġijiet ta' Malta] dan it-trasferiment huwa eżentat mill-ħlas ta' taxxa fuq il-qliegħ u dan skont l-artikolu numru erbgħa u tletin (34) tal-Att dwar l-Isport, Kapitolu numru erba' mija ħamsa u ħamsin (Kap 455) tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini tal-Kapitlu numru mitejn u sitta u erbgħin (Kap.246) tal-Liġijiet ta' Malta dwar l-Akkwist ta' Proprjetà Immobbli minn Persuni Mhux Residenti, qed jiġi ddikjarat mill-akkwirenti illi l-klabb jikkwalifika biex jakkwista il-proprjetà li qiegħda tiġi ttrasferita aktar 'l fuq, mingħajr il-bżonn ta' permess ta' l-akkwist ta' proprjetà immobbli minn persuni mhux residenti peress illi l-istess klabb, kif ukoll l-akkwirenti nomine qed jiddikjaraw li huma residenti ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea u li l-klabb kien stabbilit f'Malta u l-akkwirenti nomine għexu f'Malta għal perijodu kontinwu matul ħajjithom, ta' ħames (5) snin. Din id-dikjarazzjoni qegħda ssir wara li jiena Nutar sottoffirmat spjegajtilhom l-importanza tagħha skont il-liġi.

Id-drittijiet u l-ispejjeż ta' dan il-kuntratt għandhom jitħallsu mill-klabb.

Ghal fini tal-Att Dwar ir-Registrazzjoni t'Artijiet, jiena Nutar, hawn taht iffirmat, niddikkjara li l-propjeta immobbli ttrasferita fuq dana l-att odiern in parti tinsab irregistrata bin-numru erbgha sitta zero zero zero sitta sebgha tlieta (46000673) u in parti tinsab f'area ta registrazzjoni izda mhux irregistrata.

Dan il-kuntratt mhu bl-ebda mod jaħfer u/jew jippreġudika d-dritt ta' SportMalta għal kwalunkwe ammont dovut lilu sallum minħabba l-okkupazzjoni ta'l-istess proprjetà.

Qiegħed jiġi dikjarat illi dan it-trasferiment qieghed isir skond l-Att Dwar Artijiet tal-Gvern (Kap 573) tal-Ligijiet ta' Malta Artiklu numru hamsa (5) u qiegħed isir wara l-approvazzjoni ta' dan it-trasferiment permezz ta' riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati skond Artikolu wiehed u tletin (Art 31) tal-istess Kapitlu numru hames mija u tlieta u sebghin (KAP. 573).

Magħmul, moqri u ppublikat wara ċerjorazzjoni skond il-liġi f' f'Malta, Valletta, Triq Santa Lucija, fil-Valletta Football Club, numru mija u sitta u ghoxrin (126).